MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 114/2005

**Avviz numru  114/05DM**

**General Distributors Limited (C4567)**

**Vs**

**Jesmond Sant (ID 17766 M) u Rita Sant (ID 151865 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, disa' mija u wiehed u disghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm3,991.90) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lilhom izda minnhom mhux imhallsa, kif jirrizulta mill-prospett anness ma' l-Avviz u mmarkat bhala Dok. 'GDL1'.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenji rispettivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Jesmond Sant fejn ecceppixxa illi:

1 Il-konvenuti odjerni ghaddejjin prezentement proceduri ta' separazzjoni personali liema proceduri jinsabu quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

2 Hemm kontestazzjoni minn naha tal-konvenuta Rita Sant fil-proceduri ghas-separazzjoni personali li dawn l-ammonti huma dovuti minnha izda biss mir-ragel taghha l-konvenut l-iehor.

3 Minghajr predugizzju u fil-mertu, jekk jigi deciz li dawn l-ammonti mitluba fl-avviz *de quo* huma dovuti, semmai ghandhom jigu mhallsa nof b'nofs bejn il-konvenuti stante li bejniethom kien u ghad hemm vigenti il-komunjoni ta' l-akkwisti

4 Ghaldaqstant, din il-Qorti m'ghandiex gurizdizzjoni illi tidhol fi kwistjonijiet ta' komunjoni ta' l-akkwisti izda l-gurizdizzjoni taghha hija limitata biss jekk dan l-ammont mitlub fl-avviz huwiex dovut jew le.

5 Salvi eccezzjonjiet ohra.

Rat illi l-konvenuta Rita Sant baqghet kontumaci u ma kkontestatx it-talba ta' l-atturi;

Semghet il-provi li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti; u

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi u dokumenti prodotti mill-attur jirrizulta ampjament il-kreditu tal-kumpanija attrici fil-konfront tal-konvenuti, li minn naha taghhom kienu rrikonnoxxew dawn il-kreditu ta' l-atturi bir-rillaxx ta'c-cekkijiet esibiti a fol. 12 tal-process li pero' ma gewx onorati u ma gewx imsarrfin mill-atturi,

Jirrizulta ukoll illi fil-mori tal-kawza l-istess konvenuti kienu kkonnsenjaw lura lill-kumpanija attrici diversi oggetti li kienu mixtrija u gew akkreditati bil-valur ta' dawn l-oggetti biex b'hekk il-kreditu tal-kumpanija attrici naqas ghas-somma ta' tlett elef u tlieta u disghin lira Maltin u wiehed u

sebghin centezmu (Lm3,093.71), skond kif indikati minn nota ta' riduzzjoni pprezenta minnhom stess fis-6 ta' Novembru, 2005.

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, li jghamlu referenza ghaz-zwieg tieghu mal-konvenuta Rita Sant, jirrizulta, kemm mill-provi prodotti mil' l-attur kif ukoll mill-istess *cheques* illi gew rilaxxati mill-istess konvenuti, illi n-negozju gestit fil-hanut 'Save and Smile' fil-Mosta kien negozju gestit flimkien mill-konjugi Sant u illi ghalhekk huma risponsabbli *in solidum* flimkien ghal dawk id-djun kollha illi huma akkumulaw matul il-gestjoni taghhom ta' dan in-negozju.

Konsegwentement qeghda tilqa' it-talba attrici, kif ridotta, fil-konfront taz-zewg konvenuti *in solidum* bejniethom u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz qed tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma kif ridotta ta' tlett elef u tlieta u disghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm3,093.71), bl-imghaxijiet legali b'effett mid-19 ta' Ottubru, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------